MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 4/2013

**Antoinette Vella**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta’ Diċembru 2012 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“L-Arbitru*

*Ra d-deċiżjonijiet tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali datati 17 u 18 ta’ Awwissu 2011.*

*Ra l-ittra tal-appell datata 24 ta' Awwissu 2011.*

*Ra r-risposta tad-Direttur datata 20 ta' Novembru 2012, flimkien mad-dokumenti kollha li ġew esebiti.*

*Ikkunsidra:*

*Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija minnu fis-17 ta' Awwissu 2011, id-Direttur tas-Sigurta Soċjali iddeċieda illi l-applikazzjooni tal-appellanti għall-Għajnuna Soċjali kien ġie rivedut u li kien instab illi ma kenitx għadha intitolata għal din l-għajnuna, u dana stante illi fil-fehma tad-Direttur l-appellanti ma kenitx l-kap tal-familja.*

*Illi konsegwenza tad-deċiżjoni imsemmija, id-Direttur fit-18 ta' Awwissu 2011, iddeċieda illi l-appellanti kellha tirrifondi s-somma ta' €609.84 c rappreżentanti ħlas żejjed għall-perjodu 23/07/2011 sat-2 / 09/2011.*

*Illi r-raġuni għad-deċiżjoni tad-Direttur kien il-fatt illi l-appellanti ma kenitx aktar qed tgħix għal rasha u kienet marret lura tgħix mar-raġel u t-tfal tagħha u dan minkejja illi kienet legalment separata.*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-appellanti stess kienet infurmat lid-dipartiment illi fis-17 ta' Lulju 2011 kienet ser tmur lura tgħix mar-raġel, u dan billi żewġ uliedha kien qed ikollhom problemi relatati mad-droga u wieħed minnhom saħansitra kien skonta xi perjodu l-ħabs.*

*Illi jidher illi l-appellanti ma tantx damet tgħix mar-raġel, tant hu hekk illi ftit xhur wara reġgħet applikat għall-għajnuna u f'Settembru 2011 reġgħet bdiet tieħu l-għajnuna soċjali.*

*Illi mill-provi prodotti jidher illi bħala stat ta' fatt l-appellanti kienet tgħix mar-raġel tagħha fil-perjodu bejn it-23.07.2011 u t-2.09.2011 u għalhekk id-deċiżjonijiet tad-Direttur kienu ġustifikati.*

*Illi hekk kif l-appellanti reġgħet telqet mid-dar fejn kienet qed tabita mar-raġel tagħha u reġgħet marret tabita għal rasha reġgħet bdiet tibbenefika mill-għajnuna soċjali.*

*Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u d-deċiżjonijiet appellati qed jiġi kkonfermati."*

Minn din is-sentenza appellat ir-rikorrenti bl-aggravji fl-ewwel lok illi hija qatt ma riedet tikser il-liġi u li kienet hi personalment li fil-gurnata stess illi irritornat tghix fid-dar matrimonjali infurmat b'dan lid-Dipartiment. It-tieni aggravju tagħha jikkonsisti fil-fatt illi waqt illi hija kienet qiegħda tgħix mal-eks raġel tagħha, hija xorta waħda kellha tagħmel tajjeb finanzjarjament għall-għajxien tagħha u ta' uliedha. Tilmenta fit-tielet lok illi ġie vjolat lilha id-dritt għal smiegħ xieraq kif ukoll d-dritt taghha ghal difiża xierqa quddiem l-Arbitru. Fl-aħħar aggravju hija tilmenta illi l-Arbitru wettaq apprezzament żbaljat tal-fatti meta kkonkluda illi hija ma baqgħetx il-kap tal-familja f'dak ix-xahar meta hija marret tgħix mar-ragel taghha.

Illi l-appellanti kienet ir-recipjenti ta' assistenza socjali sakemm dan il-beneficcju giex lilha sospiz fuq il-motiv illi d-Direttur ma kienx sodisfatt li hi qed tifforma familja ghal rasha u/jew li hi l-kap tal-familja u dana kif imfisser fl-ittra tas-17 ta' Awwissu 2011 mibghuta lill-appellanti.

Jirriżulta mill-atti illi l-appellanti isseparat legalment minn żewġha fl-1997. Hija ma baqgħetx tgħix fid-dar matrimonjali u marret tgħix f'residenza alternattiva flimkien mat-tifel minuri Clive Vella. Wara s-separazzjoni, l-appellanti tallbet u ingħatat l-għajnuna soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali abbażi tal-fatt illi hija kienet il-kap tal-familja. Z-zewg ulied maġġorenni, baqgħu jirrisjedu mal-eks raġel tagħha u wara xi zmien bdew jiffaċċjaw problemi soċjali kbar, fejn wieħed mit-tfal tagħha Rodney Vella skonta żmien il-Ħabs ta' Kordin (fol 6) u t-tifel l-ieħor tagħha Omar Vella kellu problema ta' dipendenza fuq droga (fol 7).

Sabiex dawn iż-żewġt itfal tal-appellanti jkunu taħt l-attenzjoni kontinwa ta' ommhom, l-appellanti, anke fuq parir tas-social worker, aċċettat illi tmur lura tghix fid-dar matrimonjali u fil-fatt hekk ġara fid-19 ta' Lulju 2011. L-appellanti damet tgħix hemmhekk għal xahar u hija tgħid illi f'dak il-perjodu ta' żmien, baqgħet tagħmel tajjeb finanzjarjament għall-għajxien tal-familja prattikament mingħajr kontribuzzjoni finanzjarja tar-raġel tagħha u dana minkejja ir-rapport maghmul mis-social worker tad-Dipartiment Victoria Bugeja fejn kienet stqarret maghha li zewgha ighaddielha xi flus bhala kumpens talli taghmel il-facendi fid-dar. Fil-kors tat-trattazzjoni ta'l-appell id-difensur ta'l-appellanti jishaq illi dan kien fl-ammont ta' €20 fil-gimgha.

L-għajnuna soċjali lill-appellanti ġiet riveduta u sussegwentement imwaqqfa għar-raġuni illi hija ma kenitx għadha intitolata għal din l-Għajnuna peress illi hija ma kenitx għadha l-kap tal-familja. Hija ġiet mitluba ukoll tħallas lura somma ta' € 609.84 li tħallsu żejjed lilha għall-perjodu ta' bejn 23 ta'Lulju 2011 u t-2 ta' Settembru 2011.

Jiġi osservat illi fir-risposta tal-appell tad-Direttur, id-Direttur stess qal illi l-appellanti kienet għarrfet lid-Dipartiment qabel reġgħet bdiet tgħix mar-raġel

tagħha li kien ser ikollha tmur tgħix fil-flat tar-raġel tagħha minħabba li kien hemm problemi kbar bit-tfal l-oħra li kienu jgħixu miegħu. L-appellanti tgħid ukoll li l-eks raġel tagħha stess talabha sabiex tmur lura fid-dar matrimonjali ħalli tgħinu fit-trobbija tat-tfal u żiedet tgħid illi hija ma għandhiex x'taqsam miegħu.

Huwa opportun illi, b'mod konciz hafna, l-Qorti ittenni dawn l-osservazzjonijiet qabel kull konsiderazzjoni ohra:-

(1) Il-presunzjoni ghal liema tirreferi l-ligi fil-predett Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 hi wahda relativa jew *juris tantum*, u mhux wahda assoluta jew *jure et de jure*. Ghal aktar approfondiment fuq il-punt ara d-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Emma Anderson -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 20 ta' Frar, 2008;

(2) Li kieku kien differentement, dik il-presunzjoni, hekk dixxendenti mis-setgha formativa u diskrezzjonali tad-Direttur, ma tkunx tista' tigi ribattuta, li mhux il-kaz, gjaladarba hi l-istess ligi li tahseb u tipprovdi ghad-dritt ta' appell mid-decizjoni lill-Arbitru. Ara "**Riccarda Cini -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 7 ta' Frar, 2007;

(3) Jiddixxendi, imbaghad, minn numru kospikwu ta' sentenzi illi skond l-ordinament guridiku taghna, il-valutazzjoni tal-provi hu rimess ghal liberu konvinciment ta' min hu msejjah biex jiggudika. F'dan il-kuntest ma tezisti ebda gerarkija ta' l-effikacja ta' prova fuq ohra u r-rizultanzi probatorji, ukoll dawk b'kontenut indizzjarju, huma lkoll valutabbli mill-gudikant b'mod unitarju ghall-iskop tar-raggungiment tal-konvinciment tieghu. Ara "**Shirley Xuereb -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 22 ta' Novembru, 2006;

Rispettożament, din il-Qorti ma taqbel xejn mad-decizjonijiet tad-Direttur u tal-Arbitru. L-ewwelnett irid jinghad illi d-diskrezzjoni li l-ligi tivvesti fihom ma kellha tigi ezercitata "*con discernimento e giudiziosamente*" (**Kollez. Vol. VII pagna 522**), u dan, sfortunatament, fil-kaz in ispecje ma sarx. Ir-riljev, u c-cirkostanzi attinenti ghalih, maghmul mid-Direttur u mill-Arbitru ma kellux jissarraf minnhom f'regola ta' gudizzju assolutista li ggib zvantagg u pregudizzju lill-appellanti.

*Naturalment kollox jiddependi mill-fattispeci singolari u partikolari tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg. L-importanti hu li meta tipprezenta ruhha tali sitwazzjoni wiehed m' ghandux jitlaq minn attitudni errata u koncett zbaljat illi ghax sempliciment l-persuni jkunu qed jabitaw fl-istess dar, ergo tezisti dejjem il-kwalifika ta' "familja*<u>**"; Appell Civili Numru. 15/2006 Riccarda k/a Ludgarda Cini vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**</u>

Din il-Qorti tosserva illi l-appellanti u l-ex raġel tagħha kienu għaddew minn proċeduri ta' separazzjoni legali. Tirriżulta ampjament ippruvata l-unika raġuni għalfejn l-appellanti reġgħet marret tghix fid-dar matrimonjali, kienet sabiex l-appellanti iżomm taħt għajnejha ż-żewġ ulied tagħha illi kellhom problemi soċjali kbar. Għaldaqstant minkejja illi huwa minnu illi fiz-zmien in kwistjoni l-appellanti marret tirrisjedi fl-istess fond ta' residenza tal-ex raġel tagħha, in vista tal-informazzjoni quddiem din il-Qorti jiġi osservat illi d-Direttur appellat ma kellux ikun tal-fehma illi, f'dawk id-dati cirkostanzi, l-appellanti ma kellhiex tikkwalifika bhala "familja" jew "kap tal-familja" skond it-tifsira tal-ligi, izolatament minn zewgha u dana semplicement fuq il-premessa ta' dak mistqarr mill-appellanti illi zewgha kien qed ighaddielha xi flus ghas-servizzi taghha ta' tindif tad-dar

Hekk jinsab ritenut fis-sentenza tal-Qorti Civili, Prim’ Awla ta’ l-4 ta’ April, 1946 in re: “**Salvatore Cascun -vs- Carmela Cascun**”, illi “l-ko-abitazjoni ma tfisserx il-fatt materjali ta’ l-abitazzjoni komuni, imma l-fatt pjuttost morali tar-ritorn ghall-hajja tal-familja b’mod li jkun hemm vera rikostruzzjoni tal-hajja konjugali u vera rikomposizzjoni ta’ dik il-komunanza ta’ affetti, sentimenti u interessi li tikkostitwixxi l-essenza ta’ dik il-hajja”;

Jirriżulta ovvju illi n-nukleju familjari orginali kien skompona ruhu bid-dizintegrazzjoni ta’ l-unjoni taz-zwieg liema dizintegrazzjoni kienet u baqghet ezistenti anke meta l-appellanti kienet qed tghix taht l-istess saqaf ma’ zewgha minnu legalment separata. Fil-fatt ma jirrizultax mill-atti li kienet sehhet xi rikonciljazzjoni bejniethom, tant illi finanzjarjament l-appellanti baqghet indipendenti minn zewgha u di piu’ xi ftit gimghat wara anke din il-konvivenza ma baqghetx possibbli u l-appellanti regghet allontanat ruhha minn dik li kienet id-dar konjugali.

Il-kaz in ispecje kellu, fuq l-istregwa tal-fattezzi tieghu, jinduci lid-Direttur appellat, u, warajh, lill-Arbitru, illi kienu jezistu elementi ta’ prova, bastantement konvincenti, li jwasslu ghal motivazzjoni u decizjoni kuntrarja ghal dik determinata. Huwa veru illi sew id-Direttur, sew l-Arbitru, ghamlu uzu mis-setgha diskrezzjonali vestita fihom mil-ligi, izda apparti li din l-istess setgha mhix wahda assoluta ghax kieku d-dritt ta’ appell fl-istadji varji tieghu jigi rez superfluwu u inutili, id-diskrezzjoni ezercitata f’dan il-kaz mhix lanqas logika, koerenti u gusitifikativa tal-provi kollha li d-Direttur, u anke l-Arbitru, kellhom ghad-disposizzjoni taghhom.

Ghal dawn l-motivi il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Konsegwentement, tilqa’ t-talba tal-appellanti u tordna lid-Direttur appellat

jivversalha l-assistenza socjali b’effett mid-data li fiha l-assistenza socjali giet tolta lilha sad-data meta hija regghet bdiet tippercepixxi l-istess assistenza. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------